**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 457/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Lara (Larissa) Grima Baldacchino**

*Ommissis*

Illum, 26 ta' Lulju 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanta, Lara (Larissa) Grima Baldacchino, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0033869(M), akkużata flimkien ma' *Ommissis* quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-18 ta' Jannar 2022 għall-ħabta tas-01:55hrs, bħala persuni responsabbli mill-istabbiliment bl-isem '*La Buona Trattoria del Nonno*' sitwat fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar:

1. Ħallew persuna jew persuni jibqgħu ġol ħanut imsemmi fil-ħinijiet li dan il-ħanut għandu jinzamm magħluq u/jew ħallew li jingħata xogħol kemm bi ħlas jew bla ħlas, u offrew xi servizzi oħrajn bejn is-siegħa ta' filgħodu (1:00am) u il-ħamsa ta' filgħodu (5:00am);
2. U aktar talli ħaddu jew ġiegħlu jew ħallew lil min iħaddem loud speaker, gramofon, amplifikatur jew strument bħal dawn, għamlu jew inkella

ġiegħlu jew ħallew li jsiru ħsejjes daqsekk qawwija li jdejjqu lid-detenturi jew lin-nies li jkunu joqgħodu fil-qrib ċioe' lil Robert Cilia u Mario Deguara;

3. U aktar talli ġabu ruħhom b'mod li taw fastidju lil Robert Cilia u Mario Deguara;
4. U aktar talli kienu jafu jew messhom kienu jafu li kienu ta' fastidju għal Robert Cilia u Mario Deguara;

U aktar talli, Lara (Larissa) Grima Baldacchino waħidha:

5. Meta kellha liċenzja, naqset li tħares xi waħda mid-dispozizzjonijiet ta' dan l-att jew xi kundizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni oħra li għaliha tkun suġetta l-liċenzja.
6. U aktar talli ippermettiet lil Jake Palmier jagħmilha ta' substitute mingħajr il-liċenzja mill-Awtorita Kompetenti.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba li f'kaz ta' ħtija tiskwalifika lill-imputati milli jkollhom jew jiksbu dak il-warrant, liċenzja, permess jew awtorita', għall-perijodu ta'zmien illi l-Qorti jidhrilha xieraq skond l-Artikolu 30 tal-Kapitolu 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Diċembru 2023, fejn il-Qorti, wara li rat Regolament 2 tal-Avviz Legali 502 tal-2021, Regolament 2 tal-Avviz Legali 75 tal-2021, artikolu 43(1)(b) tal-Kapitolu 409 tal-Liġijiet ta' Malta u Regolament 21 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 10.09, iddikjarat lill-imputata Lara (Larissa) Grima Baldacchino, ħatja tal-ewwel, tal-ħames u tas-sitt imputazzjoni u kkundanatha għall-ħlas ta' ammenda ta' sitt elef ewro (€6000) u għal multa ta' elf u mitejn ewro (€1,200) filwaqt li lliberatha mill-imputazzjonijiet l-oħra kollha. Il-Qorti ddikjarat lill-imputat *Ommissis* mhux ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu u lliberatu minnhom. Finalment il-Qorti għażlet li fiċ-ċirkostanzi ma tapplikax l-artikolu 30 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat ir-rikors tal-appellanti, ippreżentat fid-19 ta' Diċembru 2023, fejn talbet lil din l-Qorti sabiex filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabitha mhux ħatja tat-tieni, tal-ħames u tas-sitt imputazzjoni u kif ukoll tikkonferma dik il-parti fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti ma applikatx l-artikolu 30 tal-Kodiċi Kriminali, tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti sabitha ħatja tal-ewwel, tal-ħames u tas-sitt imputazzjonijiet u tiddikjaraha mhux ħatja skond il-liġi.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 6 ta' Mejju 2024.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanta esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, qabel kull konsiderazzjoni dwar l-aggravji imqanqla mill-appellanti, minn qari tat-talba kontenuta fir-rikors ta'l-appell hemm kontradizzjoni fis-sens illi l-appellanti qiegħda fl-istess nifs titlob il-konferma u r-revoka tad-deċizjoni tal-Qorti fir-rigward tal-ħames u sitt imputazzjonijiet. Il-Qorti tifhem illi l-appellanti qed titlob ir-revoka tas-sejbien ta' ħtija għall-ewwel, il-ħames u is-sitt imputazzjoni u konferma fejn hija kienet illiberata mit-tieni, it-tielet u ir-raba' imputazzjoni. Illi għalkemm ma intalbet ebda korrezzjoni, ma hija ravviżata ebda piena ta' nullita jekk ir-rikors jkun karenti minn wieħed mill-indikazzjonijiet meħtieġa għal redazzjoni ta'l-istess. Illi ukoll minn eżami tal-aggravji huwa evidenti dwar liema imputazzjonijiet l-appellanti qed tressaq it-talba tagħha għal reviżjoni u allura għalkemm l-appellanti kellha tkun iktar attenta fl-indikazzjoni minnha magħmula fir-rikors ta'l-appell dwar dak li qed jiġi minnha mitlub, madanakollu l-Qorti tista' tasal biex tindirizza l-lanjanzi tagħha, bl-Avukat Ġenerali, kif indikat fir-risposta tiegħu, huwa ukoll konsapevoli tal-lanjanzi ventilati mill-appellanti Grima Baldacchino.

Illi magħluqa din il-parantesi, l-Qorti tibda biex tindirizza l-ewwel aggravju ventilat mill-appellanti meta tikkontendi li l-Ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-Liġi f'dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni u dana stante l-inapplikabbilita' tar-Regolament 2 tal-Avviz Legali 502 tal-2021 u r-Regolament 2 tal-Avviz legali 75 tal-2021, liema regolamenti ġew mħassra permezz tal-Avviz Legali 125 tal-2022. Tikkontendi l-appellanti illi ġaladarba illum il-ġurnata dan ir-reat ġie abrogat, allura hija kellha tkun illiberata billi l-aġir li dak iż-żmien kien inkriminatorju, llum ma għadux jikkostitwixxi reat.

Illi, huwa minnu li l-Avviz Legali 125 tal-2022 intitolat "*It-Tieni Regolament tal-2022 dwar Revokar*", tramite' ir-Regolament 2(1)(f) ta' l-istess, ħassar il-Leġislazzjoni Sussidjarja 465.54 intitolata "*Regolamenti dwar l-Għeluq ta' Stabbilimenti tal-Ikel u x-Xorb*". Huwa minnu ukoll pero' li r-Regolament 3 tal-istess Avviz Legali huwa ċar u jistipula illi –

> **Kwalunkwe att, deċiżjoni jew azzjoni meħuda qabel id-dħul fis-seħħ tat-Tieni Regolamenti tal-2022 dwar Revokar, għandhom jibqgħu jkunu regolati mid-dispożizzjonijiet tar-regolamenti u l-ordnijiet kif fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ tat-Tieni Regolamenti tal-2022 dwar Revokar.**

Illi, inoltre it-tħassir tar-regolamenti kellu jidħol fis-seħħ fit-2 ta' Mejju 2022, u ċioe' ferm wara d-data indikata fiċ-ċitazzjoni meta seħħ l-allegat aġir inkriminatorju biex b'hekk fil-parametri temporali taċ-ċitazzjoni l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-appellanti kienet għadha tikkostitwixxi reat u għalhekk jidħlu fis-seħħ id-dispozizzjonijiet tar-Regolament 3 tal-Avviz Legali 125 tal-2022 appena ċċitata.

Għaldaqstant, l-ewwel aggravju tal-appellanti qed jiġi respint.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fit-tieni aggravju mbagħad l-appellanti tilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi f'dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni dedotta kontriha, għaliex, fil-fehma tagħha, ma jirriżultax mill-provi illi fil-ħin indikat fiċ-ċitazzjoni, u ċioe' fil-ħin li saret l-ispezzjoni mill-pulizija, l-istabbiliment kien għadu miftuħ għan-nies.

Illi, mill-*affidavit* redatt minn PS 55 I.Cutajar, jirriżultaw is-segwenti fatti probatorji:

> **Nhar is-17 ta' Jannar 2022 għal ħabta tas-19:45hrs għamilt spezzjoni rigward muzika għolja u ħsejjes li jistaw idejjqu lil ġirien fl-istabbiliment 'La Buona Trattoria del Nonno' ġewwa San Pawl il-Baħar. Waqt din l-ispezzjoni għaddejt minn Triq San Pawl u kif ukoll minn Triq San Ġwann Battista, fejn ma ġiet innotajt ebda muzika għolja. Għamilt ronda oħra rigward l-muzika għall-ħabta ta' bejn l-22:00hrs u 22:15hrs. Ma innotat ebda muzika għolja ġewwa minn l-imsemmi stabbiliment.**
>
> **Għal ħabta ta' 01:55hrs ġejna nfurmati minn Mario Deguara fejn huwa stqarr li kien għadu jisma' ħsejjes ta' nies jitkellmu u muzika baxxa ġejja mill-**

**istabbiliment 'La Buona Trattoria del Nonno'. Fuq hekk jien PC 1498 u PC 523 morna fuq l-post.**

**Meta wasalna fuq l-post, innotajt li ma kien hemm ebda ħsejjes ta' muzika ġejja minn barra pero' kien hemm xi nies ġewwa l-istabbiliment. Dħalna ġewwa fejn hemm innotajna mejda waħda ta' madwar 12 -il ruħ fejn kien għad kellhom it-tazzi tal-inbid fuq il-mejda u kienet ukoll għaddejja muzika baxxa. Ta min jinnota li l-bieb prinċipali kien miftuħ u mhux imsakkar u id-dwal kienu mixgħewlin.**

**Wieħed mill-propjetarji tal-istabbiliment irrizulta li kien Jake Palmier li kien prezenti. Dan ġie mitlub jisġjega għaliex kellu mejda bin-nies għandhom bilqegħda fejn huwa stqarr li huwa kien ġewwa propjeta' privata tiegħu u dawn kienu ħbieb tiegħu. Jien infurmajtu li skond l-avviz legali 502 tal-2021 stabbilimenti iridu jkunu magħluqin sas-01:00hrs bl-imwejjed kollha vojta. B'hekk huwa ġie ordnat sabiex ikeċċi lin-nies minnufih u kif ukoll jagħlaq il-ħanut minnufih.**

**Nhar l-21 ta' Jannar 2022, Lara Grima Baldacchino irrikorriet l-għassa tal-Qawra. Hija stqarret li Dr Arthur Rizzo kien jaf bis-sitwazzjoni tagħhom. Informajtha li nhar it-18 ta' Jannar 2022 sibt lit-tifel tagħha kien qiegħed jopera l-ħanut tagħha li jinsab ġewwa San Pawl il-Baħar wara l-ħin tas-01:00hrs. Hija stqarret li t-tifel tagħha kien għalaq il-cash fin-00:30hrs. Spjegajtilha lilha li meta morna ġewwa l-istabbiliment sabu li kien hemm mejda ta' madwar 12 -il ruħ, fejn kellhom ix-xorb fuq il-mejda u kemm f'idejhom. Id-dawl kien mixewl u kien hemm xi diski baxxi għaddejin. Hija ġiet infurmata li dawn kienu indikazzjonijiet li l-istabbiliment kien għadu qed joffri servizz.**

Illi, dan kollu ġie ikkonfermat minn PC 1498, kif ukoll minn PC 523 Myriah Muscat.

Illi, minn eżami ta'l-atti ma jidhirx illi din it-testimonjanza ġiet skossa b'xi kontro-eżami li l-appellanti kellha dritt li tagħmel skont il-proċedura imfassla fl-Artikolu 360A tal-Kodiċi Kriminali:

**(1) Fi proċeduri sommarji għal reati li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali taħt l-artikolu 370(1) il-Pulizija tista', flimkien maċ-ċitazzjoni jew f'kull waqt li jiġi wara, tinnotifika lill-akkużat kopji ta' kull affidavit magħmul minn uffiċjal pubbliku jew minn impjegat jew uffiċjal ta' korp magħqud imwaqqaf b'liġi jew minn rappreżentant ta' xi intrapriża, kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi u li għandu jinġieb bħala xhud tal-prosekuzzjoni f'dawk il-proċeduri kif ukoll dokumenti li jkunu se jinġiebu bħala provi fl-istess proċeduri, u jekk l-akkużat ikun irid jagħmel kontro-eżami lil xi persuna li kellha l-affidavit tagħha notifikat lilu kif hawn aktar qabel imsemmi, huwa għandu, mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata qabel l-ewwel seduta**

**li tiġi minnufih wara n-notifika tal-affidavit, javża b'dan lill-Kummissarju tal-Pulizija b'ittra reġistrata u malli dan, il-persuna li jrid isirilha l-kontro-eżami għandha titħarrek biex tixhed fil-proċeduri:**
**Iżda, għall-finijiet ta' dan is-subartikolu il-kelma"dokument" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 558**
**Iżda wkoll meta jirriżulta li ma kienx possibbli għall-imputat li jagħti avviż lill-Kummissarju tal-Pulizija fiż-żmien provdut kif imsemmi qabel, dak l-avviż li huwa jkun jixtieq jagħmel il-kontro-eżami jista' jingħata matul l-ewwel seduta li tiġi minnufih wara n-notifika tal-affidavit, f'liema każ il-persuna li għandu jsirilha l-kontro-eżami għandha titħarrek biex tixhed fis-seduta li jkun imiss.**
**(2) Il-persuna li kellha l-affidavit tagħha notifikat lill-akkużatkif provdut fis-subartikolu (1) ma għandhiex titħarrek biex tixhed fil-proċeduri jekk l-akkużat jonqos milli jagħti avviż tal-ħsieb tiegħu li jagħmel kontro-eżami lil dik il-persuna kif provdut f'dak is-subartikolu u dak l-affidavit għandu jkun ammissibbli bħala prova b'xiehda tal-kontenut tiegħu f'dawk il-proċeduri bl-istess mod bħallikieku kien xiehda mogħtija viva voce fil-preżenza tal-akkużat.**

Illi, ma jirriżultax illi l-appellanti resqet xi talba quddiem l-Ewwel Qorti sabiex dawn it-tlett membri tal-Korp tal-Pulizija jittellgħu jixhdu in kontro-eżami sabiex jiġu mistoqsija dwar il-kontenut tal-*affidavits* magħmula minnhom, u li l-appellanti issa qed tikkontesta. Jikkonsegwi illi ġaladarba dan ma sarx, l-*affidavit*s ippreżentati mill-imsemmija uffiċjali tal-Pulizija huma kkunsidrati ammissibbli bħala prova b'xiehda tal-kontenut tagħhom bl-istess mod daqslikieku huwa xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti. *In oltre,* dina l-Qorti ma tara l-ebda raġuni valida li tista' twassalha tiddubita mill-kontenut ta' dawn l-*affidavits,* kif ukoll mill-verzjoni mogħtija mill-istess uffiċjali tal-Pulizija. Dana qed jingħad ukoll fid-dawl tal-fatt illi verzjonijiet tal-fatti hekk kif mogħtija mill-parti offiża Mario Deguara u Robert Cilia jikkorroboraw dak mistqarr mill-uffiċjali tal-Pulizija in kwistjoni.

Illi, huwa minnu li l-appellanti ma jidhirx li kienet fuq il-post fil-ħin tal-inċident *de quo*, pero' huwa minnu ukoll li hi kienet il-persuna responsabbli għall-istabbiliment f'għajnejn il-liġi. Dan jemerġi mill-*affidavit* tax-xhud Malcolm Zerafa, rapprezentant tal-Awtorita' tat-Turizmu u mid-dokumenti minnu eżebit minn fejn jirriżulta illi d-detentriċi tal-liċenzja tal-istabbiliment bl-isem "*La Buona Trattoria del Nonno*" (kemm ir-ristorant kif ukoll il-*bar*) hija propja f'isem l-appellant Lara Grima Baldacchino u

kienet ilha hekk minn nhar l-24 ta' Settembru 2021. Ukoll, tali liċenzja hija valida sal-31 ta' Diċembru 2022. Kwindi kien fid-dmir tal-appellanti bħala *licensee* illi tara illi l-kondizzjonijiet kollha tal-liċenzja kienu qed jiġu rispettati, ħaġa li evidentement ma għamlitx sabiex mhux biss l-istabbiliment baqa' miftuħ wara is-siegħa ta' fil-għodu bin-nies għadhom qed jixorbu ġewwa, iżda ukoll li ippermettiet lil Jake Palmier jieħu hsġieb dan l-istabbilment meta ma keinx liċenzjat bħala sostitut. Għalhekk, anke dan it-tieni aggravju qed jiġi respint.

Imbagħad fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija għall-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħha, l-appellanti tinsisti li ma ġie ppruvat l-ebda ness bejnha u bejn ir-reat lilha addebitat u għalhekk kellha tiġi lliberata.

Illi anke hawnhekk l-appellanti qed tipprova taħrab mill-obbligi imqiegħda fuq spallitha fil-liċenzja tar-ristorant u il-*bar* bl-isem *'La Buona Trattoria del Nonno'* u dan meta tallega illi hija ma kenitx fuq il-post u allura ma kenitx taf x'qed jiġri. Issa l-kuncett tal-*'absolute liability'* tintuża fir-rigward ta' reati li jwasslu għar-responsabbilta' penali ta' dak li jkun allavolja ma jkunx hemm il-prova tal-*mens rea* jew l-intenzjoni li jikkometti r-reat. Dawn huma l-eċċezzjonijiet għar-regola ta' *'actus non facit reus nisi mens sit rea'*.

Igħid hekk il-Professur Mamo fuq dna il-kunċett ta' responsabbilta' penali.

> ***'In determining whether an Act does create this more stringent prohibition, regard must be had to the object of the statute, the words used, the nature of the duty, the person upon whom it is imposed, the person by whom it would in ordinary cases be performed, and the person upon whom the penalty is imposed. In general, where the words of a modern statute amount to an absolute prohibition of a certain act without any reference to the state of mind of the actor, 'mens rea' is not an essential ingredient of the offence; and in such a case any inquiry as to the intent which actuated the accused would be immaterial – except, perhaps, with a view to the mitigation of the punishment. (Blake-Odgers, op.cit. Vol I. 114). (page 73 ).***

Minn naha l-ohra:

> ***Strict liability offences do not require proof of fault and provide for a defence of an honest and reasonable mistake of fact. It is generally considered justified***

***to impose strict liability to protect public health, safety and the environment. It may also be imposed for regulatory offences. The general principle is that strict liability may be imposed where a person is placed on notice to guard against the possibility of inadvertent contravention.***

Jikkonsegwi illi fil-każijiet ta' offiżi li huma ippruvati hekk kif jkun imwettaq l-att materjali waħdu mingħajr il-bżonn li jkun ippruvat l-element formali, dawn jaqgħu taht 'l hekk imsejjaħ *absolute liability*, liema kunċett madanakollu m'għandux jkun ekwiparat ma' dak ta' 'l hekk imsejjaħ *strict liability*, fejn għalkemm ukoll f'dawn l-offiżi ma hemmx il-bżonn li tkun ippruvata l-intenzjoni kriminuża, madanakollu l-awtur tar-reat jista' iqanqal xi difiżi. Illi fil-fatt l-Qorti hija tal-fehma illi dan il-prinċipju ta' *strict liability* għandu jimxi id f'id ma' dik tar-responsabbilta vikarja kif maħsuba fl-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi:

**Meta xi reat taht jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin ta' l-egħmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor simili tal-korp jew ghaqda, jew kienet tidher li qed tagixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar minghajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat.**

F'materja ta' liċenzji bħal dawk in eżami, il-*licensee* jidħol personalment responsabbli għal kull nuqqas li seta' jiġi evitat li kieku huwa kien fiżikament preżenti fuq il-post. *"Licenzja bhal dik in kwistjoni tohrog fuq persuna fizika, u mhux fuq persuna morali jew guridika, ghax hija proprju l-persuna fizika li tassumi r-responsabbilta`, bil-presenza taghha fuq il-post licenzjat, li tara li l-kundizzjonijiet kollha ta' dik illicenzja jigu osservati"*[1]. Illi allura f'dawn il-każijiet il-piż tal-prova issa ser idur fuq il-persuna akkużata, b'dan għalhekk illi jaqa' fuq spallitha sabiex tipprova, u dan sal-grad tal-probabbli, illi hija ghamlet dak kollu meħtieġ sabiex tevita li jiġi kommess ir-reat, u li allura eżerċitat id-diliġenza kollha meħtieġa sabiex jkun żgurat li ma jkun hemm l-ebda vjolazzjoni ta' dritt. Illi l-appellanti, kif ingħad, bħala detentriċi tal-liċenzja tal-istabbiliment ma tressaq ebda prova li tista' b'xi mod teżonera mill-ħtija u dan sal-grad minnha mistenni. Jikkonsegwi għalhekk illi lanqas dan l-aggravju ma jistħoqqlu akkoljiment.

[1] 25 ta' Jannar 2008, Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Joseph Debrincat *omissis*.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-aħħar aggravju li jikkonċerna s-sitt imputazzjoni, l-appellanti tikkontendi illi Jake Palmier, li kien preżenti dak in-nhar u li kien mitkellem mill-pulizija ma identifikax ruħu bħala l-persuna responsabbli mill-istabbiliment in kwistjoni. *In oltre*, tisħaq li l-verzjoni li ta' Jake Palmier għandha tiġi skartata u dana stante li din ittieħdet kontra dak stipulat fl-artikoli 355AU u 355AUA tal-Kodiċi Kriminali.

Illi, dwar dan l-aħħar punt, il-Qorti tirrileva fl-ewwel lok illi dak mistqarr mill-ko-akkużat jista' jiswa biss favur jew kontrih u ma jagħmel ebda prova fil-konfront tal-ko-akkużat tiegħu. Tqis inoltre illi qal x'qal Jake Palmier lill-pulizija għandu ftit rilevanza sabiex tkun determinata r-responsabbilta' penali tal-appellanti għal din l-aħħar imputazzjoni u dan għaliex kien ippruvat illi l-istabbiliment kien miftuħ fil-ħin meta saret l-ispezzjoni. Kien ippruvat ukoll illi f'dak il-ħin kien hemm diversi persuni bil-qiegħda madwar mejda li kienu jiġu servuti ix-xorb, kien stabbilit finalment mill-liċenzji eżebiti kemm bħala ristorant kif ukoll bħala *bar* illi Jake Palmier sar "*registered substitute*" minn nhar id-19 ta' Ottubru 2022, u ċioe' wara d-data tal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Għalhekk ċertament li dakinhar tat-18 ta' Jannar 2022, huwa ma kienx sostitut reġistrat skond il-Liġi. L-appellanti minn naħa tagħha, kif ingħad, ma tressaq ebda prova biex teżonera ruħha mir-responsabbilta' penali.
Finalment l-appellanti tisħaq li l-Leġislazzjoni Sussidjarja 10.09 ma tapplikax għat-tielet imputazzjoni dedotta kontriha u dana għaliex l-istess liġi titkellem fuq stabbiliment li huwa regolat b'liċenzja tal-Pulizija u mhux dik tal-Awtorita' tat-Turiżmu.

Illi, ir-Regolament 21 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 10.09, li taħtu l-Ewwel Qorti sabet ħtija jiddisponi illi:–

> "**Ebda persuna bil-liċenza ma tista' timpjega persuna oħra biex tagħmel flokha jew bħala rappreżentanti tagħha mingħajr il-permess bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija**".

Illi fl-atti hemm eżebita l-liċenzja li taqa' taħt il-kategorija ta' "*bar*", a fol.33 u li hija maħruġa f'isem l-appellanti mill-MTA, li tindika fis-sezzjoni '*police licence details*' il-kliem, "*on behalf of Mignon Trading Co Ltd*, u allura huwa indubitat illi din l-imputazzjoni ukoll tirriżulta ippruvata. Fl-imsemmija liċenzja ma jidhirx illi Jake Palmier kien awtorizżat biex jaġixxi bħala sostitut u kien biss b'effett mid-19 ta' Ottubru 2022 illi l-appellanti irregolat ruħha mal-liġi. Kwindi dan l-aggravju ukoll qed ikun miċħud.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-appellanti Lara (Larissa) Grima Baldacchino u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**